**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : **birgu.lc@gov.mt** website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 18(07)/2016

Data: 20 ta' Gunju, 2016

Hin: 5:00pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:

***Is-Sur John Boxall*** *– Sindku*
***Is-Sur Trevor Mizzi*** *– Viċi Sindku*
***Is-Sur Anton Gellel*** *– Kunsillier*
***Is-Sur Lawrence Attard*** *– Kunsillier*
***Is-Sur Eman Zerafa*** *– Kunsillier*
***Is-Sjra Lara Mascena*** *– Deputat Segretarju Eżekuttiv*

---

**AĠENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Taghrif dwar ix-xoghlijiet fil-Berga tal-Ingliterra
5. Decizjoni ghall-ghazla ta` mpjieg ta` Segretarju Ezekuttiv
6. Decizjoni ghall-ghazla ta` mpjieg ta` General Support Clerk
7. Taghrif dwar ix-xoghlijiet ta` Triq Desain u Triq il-Kardinal
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti
9. Aggornament

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u ta bidu ghall- Laqgha numru 18(07).

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-Minuti tas-sbatax (17) il-Laqgha tas-Sebgha Kunsill li gew iccirkulati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-Laqgha numru 18, gew approvati b'mod unanimu.

### 2. Punti Mqajjma mill-Minuti

2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fil-prezent is-Sinjura Lara Mascena qed tokkupa l-post ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv sakemm jkun mpejgat Segretarju Ezekuttiv.

### 3. Korrispondenza

### 3.1 Petizzjoni mir-Residenti dwar l-istat ta` abandon ta` Triq l-Antika, il-Birgu

Il-Kunsill ircieva petizzjoni mressqa mir-Residenti ta` Triq l-Antika dwar l-istat ta` abandun li tinsab fiha din it-triq, liema triq taghmel parti miz-zona l-antika tal-Birgu maghrufa ahajr zona tal-Collachio.
Is-Sindku qara din il-petizzjoni u sahaq li ghandha tintbghat ittra lill-Onorevoli Dr. Owen Bonnici dwar dan, u dan ghal fatt li din it-triq kellha tkun inkluza mall-progett tal-pavimentar . Is-Sindku gharraf ukoll lill-Kunsilliera li ftit tal-jiem ilhu ntaqa` mal-Perit Giovann Farrugia fejn flimkien daru z-zona kollha tal-Collacchio biex jaraw xoghol pendent ghad fadal u dan wara li l-Kunsill bghat email lill-Ministru dwar din is-sitwazzjoni.

### 3.2 Bye Laws tal-Kunsill dwar tabelli tar-reklamar

Is-Sindku nforma lill-Kusilliera li l-avukat tal-Kunsill Dr. Larry Formosa bghat il-ligi tal-Kunsilli dwar il- Bye Laws lill-Kunsill minhabba reklami fuq ghamara tat-toroq. Dwar din kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jkompli jipprocedi bid-dokumenti mehtiega.

## 3.3 Il-Ftuh Ufficjali tal-Hub tal-Anzjani gewwa l-Berga tal-Ingliterra

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara diversi korrispondenza mas-Segretarjat tal-Anazjanita Attiva, gie deciz li ftuh ufficjali tal-Hub tal-Anzjani gewwa l-Berga tal-Ingliterra ser issir nhar Tnejn 18 ta` Lulju 2016. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ma qabilx ma` din id-data u saqsa dwar l-access tal-lift, fejn sahaq li dan ic-Centru m`ghandhux jinfetah qabel ma jigi nstallat il-lift biex b`hekk ikun aktar accessibli ghall-anzjani tal-lokalita. Is-Sindku kompla jzied li f`dan l-istadju l-Kunsill gab l-approvazzjonijiet u l-permesi kollha mill-Mepa sabiex il-lift ikun jista` jsir installat imam fondi l-Kunsill m`ghandhux biex jaghmel dan il-lift. Is-Sindku, s-Sur John Boxall kompla billi qara korrispondenza li huwa stess bghat lis-Sinjura Melaine Magri (Secretariat Officer) fil-Ministeru ta` l-Familja u s-Solidarjeta Socjjali, fejn nfurma li l-Kunsill ghad fadalu hafna xoghlijiet biex jitlesta c-Centru u li fondi ghall-lift m`ghandhux. Is-Sur Gellel issugerrixa li ghandha tintbghat korrispondenza lill-Ministru li l-post fil-prezent m`huwiex accessibli ghall-anzjani tal-lokalita.

## 3.4 Talba ghall-Internet connection fil-Librerija Regjonali ghas-sistema tac-CCTV camera fil-Foss tal-Birgu.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall informal ill-Kunsilliera li ntalbet talba mir-Restoration Unit sabiex issir internet connection fil-Librereija Regjonali sabiex jigu nstallati c-CCTV cameras fil-Foss tal-Birgu. Is-Sindku kompla jghid li dan ix-xoghol sar u li issa l-Foss huwa mhares kollhu mill-CCTV cameras.

## 3.5 Premju Nazzjonali B`Hilti Wasalt

Is-Sur John Boxall prezenta korrispondenza li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rvceiva mill-Laboratorju tal-Paci fejn ghat-tieni sena konsekuttiva qed jerga` jtella` Premju Nazzjonali B`Hilti Wasalt u dan ghal fatt biex il-Kunsill jinnomina lil xi hadd ghal dan il-premju. Is-Sur Anton Gellel innomina lill-Fr Manuel Camilleri u s-Sur John Boxall innomina lill-Gorg Agius. Dwr dan ma kiex hemm qbil. Wara diskussjoni s-Sindku ikariga lis-Sur Lorry Attard sabiex ikun hu li jiehu hsieb din in-nomina.

## 3.6 Talba ghall-Parkegg Riservat lir-Residenti fiz-zona Fuq tal-Hawli

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab lill-Transport Malta biex iz-zona ta` Fuq tal-Hawli issir parkegg riservat ghar-residenti ta` dik iz-zona. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva korrispondenza minghand is-Sinjura Audrey Testaferrata de Noto fejn qalet li parkeggi riservati jridu jigu assesjati skond policies godda li ser johorgu fil-gimghat li gejjin. Is-Sindku, s-Sur John Boxall sostna li ghandha terga` tintbghat korrispondenza lis-Sinjura Testaferrata de Noto dwar l-urgenza ta` dan il-kaz.

## 3.7 Applikazzjoni ghall-latrina accessibli ghall-persuni b`dizabilita fiz-zona ta` Sally Porte (maghrufa Toqba)

Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-Mepa ghal latrin accessibli ghall-persuni b`dizabbilita fiz-zona ta` Sally Porte giet approvata.

## 3.8 Rikjesta ta` Gemelllagg

Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat l-applikazzjoni lill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar proposta ta` gemellagg ma` diversi pajjizi differenti fosthom l-Italja, Albania, Irlanda.

## 3.9 Post Vakant ta` Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu hareg l-avviz fuq il-Gazetta tal-Gvern, li l-istess Kunsill ghandu post vakant ta` Segretarju Ezekuttiv. Dan l-avviz inhareg fil-Gazzetta tal-Gvern ta` nhar it-Tlieta 31 ta` Mejju 2016 u ghalaq it-Tnejn 13 ta` Gunju 2016. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ghaxar applikazzjonijiet, fejn tlieta minnhom ma kinux validi peress li isimhom ma kienx imnizzel fil-Pool ta` Segretarji Ezekuttivi. Mis-sebgha l-ohra li kienu validu, l-Kunsill ghamel intervista lill-hamsa minnhom nhar il-Hamis 16 ta` Gunju 2016.

## 3.10 L-prezenza tas-Sindku ghall-attivita bl-isem We Will Rock You

Dwar din, is-Sindku, is-Sur John Boxall iccarra mall-Kunsilliera kollha prezenti l-pozizzjoni tieghu u kompla jzied li qed ikun hemm certu nuqqasijiet mill-ghaqdiet tal-lokal ta` kif jistiednu lill-Kunsill, fejn lanqas jintbaghtu nviti kif l-istess Kunsill jaghmel meta jorganizzza xi attivita jew riciviment.

## 3.11 Post Vakanti ta` Skrivan/a Full time Skala 15 mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nharget is-sejha ta` post ta` skrivan/a full time skala 15 mall-Kunsill Lokali tal-Birgu. L-applikanti kienu dawk li jirregistraw Part 2 mall-ETC. Is-Sur John Boxall kompla jghid li dawk li applikaw kienu tnejn biss u ghall-intervista attendiet persuna wahda biss,ghalhekk il-Kunsill ma kellhux ghazla ohra li johrog is-sejha ghal dawk li jirregistraw Part 3 u kif ukoll ghall-pubbliku ingenerali, liema applikazzjoni taghlaq nhar it-Tnejn 27 ta` Gunju 2016.

## 3.12 Talba ghall-pagamenti relatati mall-Progett LADDER

Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li gew mghoddija zewg invoices lill- Assoccjazzjoni ALDA. Dawn l-invoices huma tal-Progett LADDER li l-istess Kunsill huwa msieheb fih. Dawn iz-zewg pagamenti f`daqqa jammontaw ghall-€15,046.768.

## 3.13 Talba ghall-pagamenti relatati mall-Progett Decide

Is-Sur Boxall informa lill-Kunsilliera li gew mghoddija invoices ghall-hlasijiet lill-Assoccjazzjoni ALDA sabiex dawn jigu mhallsa lill-Kunsill Lokali tal-Birgu, li huwa msieheb fil-progett DECIDE. Dan il-pagament jammonta ghall-€2,000

## *3.14* Sejha ghall-ghall-part time office support assistance taht l-iskema *Community Inclusive Employment Scheme*

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li ghal dan il-post vakant applikaw sitta minn nies fejn tlieta minnhom attendew ghall-intervista li saret nhar il-Gimgha 18 ta` Gunju 2016. Gie deciz li l-intervisti ta` tliet applikanti l-ohra jsiru fil-jiem li gejjin.

## 3.15 Talba ghall-permess sabiex titella` attivita Fuq is-Sur tal-Mina tal-Fortini mill-Ghaqda Piroteknika 10 ta` Awwissu

Is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-istess Kunsill ircieva minghand l-Ghaqda Piroteknika 10 t`Awwissu fejn talbu sabiex jinaghatlhom permess biex jaghmlu ikla fuq is-Sur tal-Mina tal-Fortini nhar il-Gimgha 29 ta` Lulju, 2016. Dwar dan kien hemm qbil unanimu bil-patt li jsir il-hlas dovut bil-ligi u titnaddaf iz-zona li ser tintuza.

## 3.16 Talba ghall-permess biex jitella` BBQ fuq is-Simenta mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi

Is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-istess Kunsill ircieva minghand is-Sezzjoni Zghazagh Palmizi  fejn talbu sabiex jinaghatlhom permess biex jaghmlu BBQ fuq is-Simenta nhar is-Sibt 16 ta` Lulju, 2016. Dwar dan kien hemm qbil unanimu bil-patt li jsir il-hlas dovut bil-ligi u titnaddaf iz-zona li ser tintuza.

## 3.17 Kwotazzjonijiet ta` Street Bins

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv prenzentat tlett kwotazzjonijiet ta` street bins; minghand Anton Zarb, il-kumpanija B.Grima & Sons u l-kumpanija Andrew Vassallo Ltd.

## 3.18 Kwotazzjonijiet tal-Mafkar tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv prenzenta kwotazzjoni wahda tal-bust tal-bronze ghall-makfar tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana. Din il-kwotazzjoni waslet minghand E.Theuma & Co Ltd. Is-Sur Anton Gellel zied jghid li fil-jiem li gejjin, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandhu jircievi aktar kwotazzjonijiet. Is-Sindku, s-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li l-Arcipriet diga` bghat il-karti kollha mehtiega lill-Kurja u kif ukoll l-istess Kunsill diga` beda jigbor xi donazzjonijiet minghand in-nies sabiex issir dan il-mafkar, fejn ghal kull donazzjoni qed tinghata rcevuta. Zied jghid li anke l-Kapitlu ser jikontribwixxi finanzjarjament u li ser jintbghatu ittri lill-ghaqdiet kollha tal-lokal biex jghinu u jikontribwixxu finanzjarjament.

Gie deciz ukoll li ninfurmak liz-zewg skulturici li ghamlu l-bust tal-Monsinjur Dun Guzepp dwar ir-rizultat ta` min intghazel ix-xoghol tieghu, fejn il-bust li ntaghzel kien ix-xoghol tas-Sur Andrew Bugeja. Barra minnhekk is-Sur Gellel ssugerixxa li l-bust ta` l-persuna l-ohra, dak tas-Sur Clive Busuttil jinstablu post mill-Kapitlu biex ikun esebit.

## 3.19 European Mobility Week 2016

Is-Sindku, s-Sur John Boxall informa lil-Kunsilliera li ghal din il-laqgha kien ser jattendi s-Sur Lawrence Attard, imma sfortunatament ghar-ragunijiet partikulari ma seghtax jattendi.

## 3.20 Zbilanc Finanzjarju tal-Kunsilli Lokali ghas-sena 2015.

Is-Sindku tal-Birgu, is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-izbilanc finanzjarju tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2015, fejn id-Dipartiment qed jitlob sabiex issir laqgha mal-istess Diaprtiment biex tigi ddiskusa din il-materja.

## 3.21 Management Letter ghas-sena 2014

## 3.22 Talba mill-istaff dwar il-hinijiet tas-Sajf

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qara talba li staff klerikali pprezenta lill-istess Kunsill sabiex il-hinijiet tas-Sajf ikunu mis-7:00am sa` 1:00pm u mill-11:00am sal-5:00pm. Din it-talba ma gitx milqugha u gie ssuggeriet li nofs ta` nhari (7:00am sa` 1:00pm) jkunu biss fix-xahar ta` Awwissu kif titlob il-ligi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. Taghrif dwar ix-Xoghlijiet fil-Berga tal-Ingliterra

Is-Sindku, is-Sur John Boxall spjega li x-xoghilijiet fil-Berga tal-Ingliterra mexjin fuq ritmu tajjeb hafna, fejn qal li matul dawn ix-xahrejn saru hafna xoghlijiet. Fost xoghlijiet li saru, s-Sindku qal li gym room hija lesta. Toilets ta` fuq fadal xi xoghlijiet zghar ohra biex titlesta. It-toilets u l-kcina fis-sular ta` isfel lesti wkoll. Kompla jghid li fadal xi xoghlijiet fis-sala ta` fuq fejn ser issir tv room u xi xoghlijiet zghar ohra fil-kamra fejn tpoggi nurse. Kompla billi qal li saru xoghlijiet ta` restawr fil-bibien ta` tabib u nurse u anke nbidel il-madum, fejn l-ispejjez ta` dawn ser jigu koperti mill-flus li ser jinaghtaw lill-Kunsill mis-Segretarjat ta` Dr. Chris Fearne.

## 5. Decizjoni ghall-ghazla ta` mpjieg ta` Segretarju Ezekuttiv

Dan il-punt diga` gie diskuss fil-korrispondenza punt numru 3.9

## 6. Decizjoni ghall-ghazla ta` mpjieg ta` General Support Clerk

Dan il-punt gie diskuss fil-korrispondenza punt numru 3.14

## 7. Taghrif dwar ix-xoghlijiet ta` Triq Desain u Triq il-Kardinal

Dwar l-istat ta` Triq il-Kardinal u Triq Desain, is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li xoghol miexi sew f`dawn l-ahhar jiem. Is-Sur Gellel kompla billi qal li ghalkemm ix-xoghol miexi, haddiema mhux qed ikun hemm, hlief haddiem wiehed li b`hekk ix-xoghol iktar ser idum biex jitlesta, liema xoghol ghandhu jitlesta qabel ma jerghgu jaslu l-festi ta` San Lawrenz u San Duminku. Is-Sur Gellel kompla jghid li ghamel kuntatt mal-perit kkoncernat is-Sur David Vassallo u gie mgharraf li sa` din il-gimgha kellhu jinghata l-asphalt. Ma` dan il-punt kompla jghid li r-residenti qed jilmentaw li l-Kunsill mhux jiehu azzjoni u widen. Fuq dan l-ahhar punt, is-Sur Boxall qal li ser tintbghat korrispondenza lill-Perita Charlene Bonnici biex jinfurmha b`din is-sitwazzjoni.

## Punti ohra mqajma waqt il-Laqgha

1. Is-Sindku, s-Sur John Boxall fakkar lil Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsillier s-Sur Eman Zerafa biex jibdew jippreparaw habba l-attivitajiet ta` Jum il-Birgu 2016.

2. Is-Sur Anton Gellel spjega kif matul il-granet tas-Sibt u l-Hadd fil-pjazza tal-Birgu jkun hemm rebus. Dwar dan, is-Sur Zerafa ssugerrixxa li jitwahhlu l-cameras u s-Sur John Boxall talab li tintbghat korrispodenza lis-Supretendent dwar din is-sitwazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

3. Is-Sur Eman Zerafa nforma lil dawk prezenti li gie avvicinat minn xi residenti li qed ikun hemm certu hmieg fit-toroq. Dwar dan gie deciz li nkellmu lill-

kuntrattur responsabbli mill-tindif ta` toroq. Marbut ma` dan il-punt, is-Sur Gellel qal li certu hmieg li qed ikun hemm fit-toroq huwa hmieg tal-hamiem u sostna li ghandha tittiehed azzjoni mill-Kunsill biex dan il-hamiem jigi eliminat. Is-Sur Gellel prezenta lista ta` dawk ir-residenti li ghandhom il-hamiem ta` tigrija fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sur Trevor Mizzi kompla billi nforma lil dawk prezenti biex il-Kunsill jiccekja mall-Kunsill Lokali tal-Isla dwar xi proceduri ghamlu biex eliminaw din il-problema tal-hamiem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u s-Sur John Boxall talab li jsir kuntatt mas-Sindku tal-Isla.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 2973-2996 u BANIF 489661 – 489668 barra cheque no 489665 li gie ikkancellat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata it- 17 ta' Mejju, 2016 sal-20 ta` Gunju, 2016.

## 9. Aggornament

Il-Laqgha 18 (07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fis-7:00 pm (sebgha ta' filghaxija).

| ______________________ | ________________________ |
|---|---|
| Lara Mascena | John Boxall |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum ................................................*